# Bormla: 1944... u 1994

Kitba ta' Charles Clews

Dwar il-Pellegrinaġġ kolossali, uniku, li sar minn Birkirkara għal Bormla fid-19 ta' Novembru, 1944, l-idea ġenerali tafuha, qrajtuha, u se tkompli taqraw, forsi b'mod aktar elaborat, fil-festeġġjar ta' dan iċ-Ċinkwantinajru.

Nafu bit-tluq mill-Bażilika ta' Santa Liena, Birkirkara, nafu bir-rappreżentanti li kien hemm minn kull għaqda possibbli, wara l-Istatwa u l-Kwadru storiku, l-eluf ta' nies li bdew kull ma timxi l-proċessjoni jiżdiedu dejjem, bil-laqgħa sabiħa li kellna, il-fjuri, galleriji mżejna, bandieri mal-bjut.

Nafu x-xena fil-Ħamrun, il-Balta l-bajda, Raħal Ġdid. Nafu kif dawk l-eluf - madwar 40,000 qalulna - ħassew entużjażmu li qatt ma ħassew, dak il-ħars, kiebi, lejn wiċċ il-Madonna...

Dan kif tista' tinsieh, u dan kif tista' ma tieħux pjaċir terġa' tisimgħu? Iżda jien se ngħid, l-avventura tiegħi, f'dak il-jum memorabbli, l-avventura personali.



*Dan ir-ritratt sabiħ juri kwadru "The Immaculate Conception" (53" x 40"), Kapolavur ta' wieħed mill-aqwa pitturi Spanjoli, Diego Velasquez (1599-1660) li n-National Gallery ta' Londra kienet akkwistat*

Kont għall-quddiesa f'Birkirkara, imxejt mal-proċessjoni jew pellegrinaġġ il-ħin kollu, ħarsa lejn l-istatwa, u ħarsa lejn il-galleriji, il-bjut, il-bandieri li bdew jittellgħu spontanjament, il-fjuri li bdew nieżlin mill-galleriji u twieqi, lejn l-uċuħ ta' nies maġenbi, għajnejhom ileqqu, jibku, b'ferħ u tama.

Imxejt mal-korteo sal-Knisja ta' San Pawl, f'Bormla, hemm tlaqt ħalli mmur noħroġ lill-mara, ħalli tara dik ix-xena li żgur mhiex se tara oħra bħalha.

Hanwhekk, mal-korteo ingħaqdu l-Isqof Mons. Emmanuel Galea, il-Kapitlu tal-Birgu, il-Patrijiet Tereżjani ta' Bormla, patrijiet Karmelitani, Dumnikani, kappillani tas-servizzi u għadd kbir ta' qassisin.

Fi Pjazzi Gavino Gulia sibt il-Banda Maria Mater Gratia ta' Ħaż-Żabbar, u fi Pjazza Vassallo, sibt lill-Banda Duke of Edinburgh (Illum San Lawrenz) tal-Birgu. Jien qiegħed biss nafda lill-memorja tiegħu, ma għandi ebda noti, iżda niftakar li kien hemm baned oħra, stakkamenti tal-KOMR, l-RMA (jidhirli) li daqqew fanfarra meta l-Madonna u l-Kwadru waslu hemmhekk.

Niftakar xi scouts, ukoll u membri tas-Civil Defence.

B'din ix-xena quddiemi mort id-dar, Triq Bongiorno, u l-mara, li ma tantx kienet tiflaħ, bl-entużjażmu tiegħi, qabdet u libbset it-tarbija ta' seba' xhur , li kellna, u nżilna pjazza Paolino Vassallo.

Iżda hemm tagħtni rasi. X'se tara l-mara? Nies u nies u aktar nies? Fettilli nħares 'il fuq u għaġeb ta' l-egħġubijiet il-gallarija tal-każin San Ġorg (li dak iż-żmien kien maġenb ir-Rialto) vojta. Ġirja kbira, kif stajna ngħaddu mill-folla, wasalna, fil-gallerija li m damitx ma mtliet bħal balla.

U minn hemm ħadt prospettiva aħjar, akbar ta' dak li kien qed isir taħti fit-triq tal-Knisja. Baħar, oċejan kbir ta' nies, ta' entużjażmu.

U minn hemm ħirja għad-dħul fil-Knisja. Qatt il-qniepen tal-Knisja, l-orkestra, l-antifona ma nstemgħu daqshekk sbieħ f'widnejna.

Iżda hawn irrid insemmi fattur, li bosta żgħażagħ ta' llum, forsi ftit jafu. F'Novembru ta' l-1944, kienet għadha miexja l-gwerra. Il-Ġermanja kienet għadha tiġġieled, forsi b'aktar qilla, il-qilla tad-disperazzjoni ta' telfa quddiem wiċċha. U kien għad fadal sitt xhur biex iċċedi, nhar l-Otto Maggio, festa tal-Madonna, 1945.

Niftakarni ngħid lil wieħed li nzerta maġenbi, fejn il-Każin ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, li l-Ġermaniżi xejn ma riedu biex jagħmlu xi att disperat. Imma l-entużjażmu għeleb 'il biżgħa.

Fattur ieħor: it-trasport pubbliku kien għadu lura ferm biex jiġi lura għan-normal. U karozzi privati, ftit kien hawn, u bosta minnhom miżmumin, jew rekwizizzjonati. Kulħadd ġie - bil-mixi.

Iżda sar miraklu, f'kollox: attendenza, entużjażmu, talb... U bir-raġun li Bormla qiegħda tfakkar avveniment bħal dak. Ma nafx jekk sarx jew ghadx jista' jsir, pellegrinaġġ bħal dak, F'dawk iċ-ċirkostanzi, ta' gwerra bħal dik!

## Mitt Sena Ilu

Il-ġurnal The Times għandu rubrika ferm interessanti, li fiha iġġib xi ġrajja ta' 100 sena ilu. Fost dawn kien hemm "item" li laqtitni dwar Bormla. Nittraduċi...

Insibu, taħt ir-ras FESTA TAL-PENTEKOSTE F'BORMLA, li:
"Il-festa tal-Penetkoste se tiġi ċelebrata f'Bormla, nhar it-Tnejn u nhar it-Tlieta (14 u 15 ta' Mejju, 1894). Nhar t-Tnejn mit-8.00 p.m. sa nofs il-lejl, se jkun hemm illuminazzjonijiet, logħob tan-nar, baned ċivili u militari ecc. ecc.

"Nhar it-Tlieta wara nofsinhar, se jkun hemm proċessjoni ġenerali, bis-Sagrament. Vespri fil-jumejn, u Quddiesa Solenni nhar it-Tlieta filgħodu, bl-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Professur Nani.

"Matul il-proċessjoni, il-banda tal-1st. Battalion, North Staffordshire Regiment, se ddoqq programm magħżul, fuq l-Għolja ta' Santa Margerita, waqt li l-banda nazzjonali "San Ġorġ" kif ukoll baned oħra diversi idoqqu f'partijiet differenti tal-belt."

Naraw kemm kienu jieħdu sehem baned millitari fil-festi lokali, naturalment kien ikun hemm stazzjonati diversi riġmenti f'Bormla, f'Verdala, San Nikola, u mkejjen oħra, meta nafu li darba Bormla, kienet deskritta bħala "a garrison town".

Iżda naraw ukoll b'liema solennità kienet tiġi ċelebrata din il-festa sagramentali. Loghob tan-nar, baned, orkestra taħt il-kbir Nani...

Missier il-mara, li kieku kien għadu ħaj għandu sewwa fuq il-100 sena, kien jgħidli kemm kienet tkun ċelebrata bil-kbir il-festa tas-Salib Imqaddes, fit-3 ta' Mejju. Kien isemmi baned, u kien jgħidlek li fost il-logħob tan-nar, il-famuża "faċċata (set piece) kienet tkun mifruxa fuq seba' arbli.

Għall-festa tas-Salib kien hemm armar ta' barra, kolonni ecc. tassew sbieħ. Niftakar li eżatt wara l-gwerra, meta bosta mill-armar tal-festa tal-Kunċizzjoni kien tfarrak, kienu nħarġu kolonni u armar ieħor li kienu jġibu l-emblemi tas-Salib.

**THE BEAUTY BOX**
***Beautician Claire Cachia C.I.B.T.A.C.***
FACIAL WAXING, SLIMMING TREATMENTS,
PEDICURE, MANICURE & MAKE-UP
**96, E. Serracino-Inglott Str., Cospicua**
**Tel: 809422**